DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/773

tal-4 ta' Marzu 2024

li temenda d-Deċiżjoni 2009/992/UE dwar ir-rekwiżiti minimi għad-*data* addizzjonali li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq

(notifikata bid-dokument C(2024)1120)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jeżiġi li kull Stat Membru jżomm reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq li jkunu ġew awtorizzati minn awtorità kompetenti maħtura minnu biex jeżerċitaw il-kariga ta' operatur tat-trasport bit-triq. Ir-reġistri elettroniċi nazzjonali għandhom jinkludu mill-inqas id-data stabbilita fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(2) Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, billi ppreveda li tiddaħħal *data* addizzjonali fir-reġistri elettroniċi nazzjonali.

(3) Biex tiġi ffaċilitata l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2009/992/UE ([3]). Id-Deċiżjoni 2009/992/UE jenħtieġ li tipprevedi li d-*data* addizzjonali tiġi inkluża fir-reġistri elettroniċi nazzjonali.

(4) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2009/992/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2009/992/UE huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Adina-Ioana VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.
([2]) Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi għad-*data* li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36).

ANNESS

"ANNESS

Kategorija tad-*data*	Oġġett tad-*data*	Deskrizzjoni addizzjonali tal-entrata tad-*data*	Tul
Impriża tat-trasport	Isem	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Forma legali	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-50
	Għadd ta' persuni impjegati	Entrata numerika ta' test liberu	1-7
	Ikklassifikar tar-riskju	Entrata numerika ta' test liberu	1-5
	Firxa tal-ikklassifikar tar-riskju	Dikjarazzjoni ta': — "Griż" — "Aħdar" — "Amber" — "Aħmar"	
	Għadd totali ta' Vetturi Amministrati	Entrata numerika ta' test liberu	1-6
Indirizz	Indirizz	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-150
	Kodiċi postali	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-10
	Belt	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-50
	Kodiċi tal-pajjiż	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2	2
Awtorizzazzjoni	Tip	Dikjarazzjoni ta': — "Liċenzja Komunitarja għat-trasport tal-passiġġieri" — "Liċenzja Nazzjonali għat-trasport tal-passiġġieri" jew: — "Liċenzja Komunitarja għat-trasport tal-oġġetti" — "Liċenzja Komunitarja għat-trasport tal-oġġetti, esklussivament ≤ 3,5 t" — "Liċenzja Nazzjonali għat-trasport tal-oġġetti"	
	Numru tas-serje tal-Liċenzja Komunitarja ([1]).	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-20
	Data tal-bidu tal-liċenzja Komunitarja	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10

Kategorija tad-*data*	Oġġett tad-*data*	Deskrizzjoni addizzjonali tal-entrata tad-*data*	Tul
	Data tal-iskadenza tal-liċenzja Komunitarja	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Għadd ta' vetturi amministrati bl-awtorizzazzjoni	Entrata numerika ta' test liberu	1-6
	Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-15
	Status tal-awtorizzazzjoni	Dikjarazzjoni ta': — "Attiva" — "Sospiża" — "Irtirata" — "Skaduta" — "Mitlufa/misruqa" — "Annullata" — "Ritornata"	
	Data tal-irtirar tal-liċenzja Komunitarja	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tas-sospensjoni tal-liċenzja Komunitarja	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tal-iskadenza tas-sospensjoni tal-liċenzja Komunitarja	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Raġuni għas-sospensjoni jew għall-irtirar tal-liċenzja Komunitarja	Dikjarazzjoni ta': — "Mingħajr stabbiliment effettiv u stabbli" — "Pożizzjoni finanzjarja mhux xierqa" — "Mingħajr il-kompetenza professjonali mitluba" — "Mingħajr reputazzjoni tajba" — "Oħra"	
	Numru serjali tal-kopja ċertifikata vera tal-liċenzja Komunitarja ([2])	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-20
	Data tal-bidu tal-kopja ċertifikata vera	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tal-iskadenza tal-kopja ċertifikata vera	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10

Kategorija tad-*data*	Oġġett tad-*data*	Deskrizzjoni addizzjonali tal-entrata tad-*data*	Tul
	Data tal-irtirar tal-kopja ċertifikata vera	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tas-sospensjoni tal-kopja ċertifikata vera	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tal-iskadenza tas-sospensjoni tal-kopja ċertifikata vera	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
Rappreżentanza legali tal-impriża (meta xieraq) ([3])	Isem	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Kunjom(ijiet)	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Data tat-twelid	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Post tat-twelid	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-50
Amministratur tat-Trasport	Isem	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Kunjom(ijiet)	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Data tat-twelid	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Post tat-twelid	Test alfa liberu	1-50
	Numru taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-20
	Data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Pajjiż tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2	2
	Validità taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Dikjarazzjoni ta': — "Validu" — "Invalidu"	

Kategorija tad-*data*	Oġġett tad-*data*	Deskrizzjoni addizzjonali tal-entrata tad-*data*	Tul
Ksur serju	Kategorija	Entrata alfanumerika bil-valuri kodifikati	
	Tip	Entrata alfanumerika bil-valuri kodifikati	
	Data tal-ksur	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tal-verifika li tikkonferma l-ksur	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Stat Membru fejn ġie kkonfermat il-ksur	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2	2
	Raġuni għalfejn it-telfien ta' reputazzjoni tajba hu rispons sproporzjonat ([4])	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-500
Persuna inkompetenti	Isem	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Kunjom(ijiet)	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-100
	Data tat-twelid	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Post tat-twelid	Test alfa liberu	1-50
	Numru taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Entrata alfanumerika ta' test liberu	1-20
	Data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Pajjiż tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2	2
	Raġuni għal dikjarazzjoni bħala inkompetenti	Dikjarazzjoni ta': — "Ksur ta' regoli nazzjonali" — "Ksur ta' regoli Komunitarji"	

Kategorija tad-*data*	Oġġett tad-*data*	Deskrizzjoni addizzjonali tal-entrata tad-*data*	Tul
	Miżura attwali tar-rijabilitazzjoni	Dikjarazzjoni ta': — "Taħriġ xieraq ta' mill-anqas tliet xhur" — "Eżami dwar is-suġġetti elenkati fil-parti I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009"	
	Data tal-bidu tad-dikjarazzjoni bħala inkompetenti	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10
	Data tal-għeluq tad-dikjarazzjoni bħala inkompetenti	Entrata ta' *data* numerika bil-format ISO 8601 (YYYY-MM-DD)	10

([1]) F'kull dokument maħluq biex jinżamm ġol-vettura, in-numru għandu jiġi stampat bl-istess format kif ikun irreġistrat fir-reġistru nazzjonali.

([2]) F'kull dokument maħluq biex jinżamm ġol-vettura, in-numru għandu jiġi stampat bl-istess format kif ikun irreġistrat fir-reġistru nazzjonali.

([3]) Ara l-Artikolu 16(2), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

([4]) Din l-entrata ma għandu jkun fiha l-ebda *data* personali għajr dik meħtieġa dwar l-Amministratur tat-Trasport.".